# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur. C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 57 — IT-TNEJN, IT-2 TA' APRIL, 1945. — Nru. 57

## BDIEWA INGĦAQDU!

(ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja)

*IL-PROGRESS fil-biedja mexa b'pass imgħaġġel mad-dinja kollha. F'Malta u Għawdex mixjin lejn il-progress b'pass ta' nemla. Iż-żmien ma jistenna 'l ħadd u jinħtieġ li aħna nirduppjaw il-pass tagħna biex inlaħħqu mal-progress li sar band'oħra. Jekk ma ngħaġġlux ser nibqgħu lura— u* nibqgħu lura weħidna.

*Id-Dipartiment tal-Biedja qed jagħmel ħiltu kollha biex jikseb il-post li tixirqilha l-biedja tagħna fid-dinja tal-lum. Ix-xewqa tiegħi ma tistax titwettaq jekk fl-isforzi tiegħi nsib tfixkil mill-bdiewa; u meta ngħid tfixkil mill-bdiewa rrid infisser* tfixkil mill-bdiewa.

*Forsi intom tistaqsuni: "Kif jista' jkun illi l-bdiewa jfixklu x-xogħol li hu ta' ġid għalihom? Jista' jkun! u li jista' jkun qegħdin narawh b'għajnejna. Iżda, dan jiġri għaliex il-bdiewa jisimgħu t-tfesfis ta' min, forsi, mhux interess tiegħu jara l il-bidwi ġej il quddiem, u allura, bil-biża' li jitlef in-negozju u l-ħakma minn fuq il-bidwi, jibda jimla ras il-bidwi biex ma jismax minn dawk li hu dmirhom jiftħulu għajnejh!*

*U l-bidwi? Il-bidwi forsi jisma' minn dak li jmur jimlielu rasu biex igħid li jrid kollox kif kien fl-imgħoddi!*

*Jiena ma jinteressanix x'jagħmlu dawk il-ftit li qegħdin ifittxu li jgħattu għajnejn il-bidwi; iżda jinteressani ħafna, anzi hu dmir tiegħi, li jien inneħħi l-għamad li xi wħud iridu jżommu l-bdiewa fih, u għalhekk jiena għidt illi nista' nwettaq ix-xogħol tiegħi jekk ma nsibx tfixkil mill-bdiewa stess.*

*Tfixkil minn xi ftit li jaħsbu li ma hux interess tagħhom illi l-bidwi jiftaħ għajnejh nistenna dejjem. Jiena ma nistenniex, illi dawk li jaħsbu li jekk il-bidwi jiftaħ għajnejh, u allura jista' jfixkilhom fin-negozju, sejrin igħinuni, imma nistenna għall-inqas illi l-bdiewa, billi jħarsu ħarsa lejn l-imgħoddi, ikunu jistgħu jintebħu l-għala dawn in-nies qegħdin il-lum iduru magħhom u jippruvaw ibegħduhom mid-Dipartiment tal-Biedja. U dan hu għax huma jaħsbu illi aħna sejrin infixkluhom fin-negozju tagħhom. Id-Dipartiment tiegħi ma jrid jaqta' ħobż ħadd, iżda jrid biss illi dak li jsir, isir sewwa u mingħajr qerq. L-għaqda fiha l-qawwa! Iżda l-qawwa tiġi meta tkun immexxija minn min għandu interess fil-Biedja u fil-bidwi u mhux minn min għandu ħsibijiet oħra.*

*Il-bdiewa li jridu jieħdu sehem fil-progress kbir li sar mad-dinja kollha, il-bdiewa li jħobbu lil uliedhom u li ma jriduhomx igħumu f'dak il-baħar li fih sabu ruħhom il-bdiewa kollha għal bosta snin qabel din il-gwerra, ma għandhomx jagħmlu ħaġ'oħra ħlief jingħaqdu flimkien u jimxu mat-tagħlim tad-Dipartiment. Min jagħtikom parir biex ma tingħaqdux mad-Dipartiment tal-Biedja tisimgħux minnu! Għax jew ma jifhimx, jew mhux ġenwin. Il-Għaqda u l-ftehim hi r rebħa tagħkom.*

*Jekk tingħaqdu intom tistgħu tgħinu lil xulxin f'kollox. Intom tkunu tistgħu tkunu ta' ġid lilkom infuskom,* lil min irid jiekol il-prodotti tagħkom *u lil pajjiżkom.*

*Isimgħu l-parir tiegħi. Jekk tinfirdu intom tkunu ħaffirtu l-qabar tagħkom u ta' wliedkom. Fil-għaqda intom turu dehen, li bih tieħdu li jisthoqqilkom. Għinu ruħkom u Alla jgħinkom!*

---

## IL-BIEDJA F'APRIL

*(Editur tal-Propaganda)*

### Fil-Għalqa

ISSA li r-rebbiegħa daħlet u x-xemx bdiet tisħon, l-art bdiet tisħon ukoll u turi nixfa, dis-sena iktar mis-soltu.

Bħalissa bexxa xita tagħmel mitt ġid, l-iktar għall-patata li nżergħet fl-imwaħħar u li tmur batuta jekk ma tissaqqiex. Ix-xita għal għeluq ix-xahar ta' April tista' tagħmel il-ħsara fil-qamħ u fix-xgħir u l-iżjed fis-silla maħsuda. Għalhekk il-qawl Malti jgħid: **"Wara San Mark ix-xita nar fl-art"**. Ir-raba' bħalissa jidher qed ifur bil-ħdura. bis-siġar tal-frott iħaġġeġ biż-żahar u bis-silla tħammar. Għal nofs dan ix-xahar wieħed jibda jaħseb biex jaħsad dik is-silla li tibda turi li waslet għall-ħsad.

Għal dan ix-xahar iżra' l-bħajra u ħawwel dak li għadek ma ħawwiltx. Il-qamħ u x-xgħir jibda jimla. It-tewm jista' jinqala' qabel ma jinxef għalkollox jintrabat mazzi mazzi u jitqiegħed jinxef għar-rwieħ.

### Fil-Ġnien tal-Ħaxix

Dak il-ħaxix li nżara' x-xahar li għadda għandu bżonn tal-kura sewwa sakemm jissaħħaħ biex wieħed jilqgħu mill-ħebbux, mid-dudu tal-farfett u minn dwied oħra. Bħalissa jistgħu jinqalgħu u jixxettlu l-qara' bagħli, il-bringiel, it-tuffieħ tadam, il-bżar aħmar, il-ħass, u l-pastard li jilħaq tul is-sajf jew kmieni fil-ħarifa. Wieħed jaħseb [illegible] b'x sustanza oħra li toqtol id-dud, in-nebbiet tal-kromb fil-ħmiemel kemm-il darba tara xi dud fuqu, bħall-bergħud. Jinħtieġ wisq li wieħed iħalli xi biċċa mill-ġnien mistrieħa għas-sajf, billi fiha wieħed irabbi xi ħaġa, illi ma tinħtieġx ilma, biex b'hekk ma' tul in-nixfa tas-sajf l-art tibqa' nadifa mid-dwied.

### Ġnien tas-Siġar

Qabel l-aħħar tax-xahar agħżaq is-siġar tal-frott, kemm-il-darba ma għażaqtx diġà, u naddafhom mill-ħxejjex u minn xi prodotti li kienu jikbru magħhom. La tiżrax madwar is-siġar u qalb id-dwieli ħlief xi ftit piżelli għall-bikri, jew xi ftit prodotti tax-xitwa.

Għall aħħar ta' April jista' jitħawwel ix-xitel tas-siġar tal-lariġ. Jekk it-temp ikun xott tista' ssaqqi t-taħwil il-ġdid tal-frott irqiq biex tgħinhom jaqbdu sewwa u jarmu. Is-siġar tal-frott irqiq jista' jibda jitlaqqam bil-qoxra u dan it-tilqim jista' jitkompla jsir sa Settembru.

Roxx bil-kubrit id-dwieli wara li tkun tajthom il-mistura burduliża, u tajjeb kieku l-kubrit ikun ramât, (imma dan il-mument m'hawnx minnu). Dur ukoll bil-kubrit it-tadam, il-bringiel, il-ħiar, il-qara' aħmar, il-qara' twil u l-qara' bagħli, u l-bħajra meta jkun il-waqt, kif ukoll it-taħwil tal-pastard u tal-kaboċċi biex il-farfett tas-sussa ma jbejjitx fil-qalba tagħhom u jagħmlilhom.

